**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 5 – IL-ĠIMGĦA, 19 TA' DIĊEMBRU 2014

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Joe Micallef | Membru (wasal fis-5:45pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 4 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. MEMO 30/2014 SPAZJI PUBBLIĊI- ŻONI MIFTUĦA

2.1. B'riferenza għall-memo tad-DLG 30/2014, kien hemm qbil unanimu li bħala post propost għandu jkun imsemmi l-akwata ta' Triq Xatt il-Palm. Il-Kumitat qabel li t-talba għandha tkun biex tissebbaħ iż-żona permezz ta' *landscaping* u jkun hemm mhux aktar minn 25% tal-ispazju allokat għall-parkeġġ.

2.2. F'dan il-ħin wasal is-Sur Micallef. Il-ħin hu s-5.45pm.

## 3. *SYNTHETIC TURF* FI ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

3.1. Il-perita Claire Vassallo sostniet li kemm-il darba ma jitqiegħedx n-netting fil-*mini-pitch*, mhux se jingħataw il-*complaince certificate*. Dan għaliex in-netting hu maħsub li jipprovdi aċċess lill-persuni b'diżabilità.

3.2. Il-fornitur tat-turf sintetiku qal li l-ewwel pass, qabel ma jitpoġġa t-turf irid ikun li titneħħa l-ħamrija. Hekk it-turf jitpoġġa direttament fuq is-cement.

3.3. Il-perita Vassallo infurmat li t-tappiera tal-ġibjun trid titħalla mikxufa.

## 4. ĦARĠA GĦALL-KOMUNITÀ TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

4.1. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-membri li f'Jannar 2015, se torganizza attività fl-Embassy.

4.2. Għall-prezz ta' €5.30 ir-ras, kull persuna se tara film; tilgħab 3 logħbiet tombola filwaqt li se tieħu kafè u xi snacks. Ma' din il-miżità trid tiżdied dik tat-trasport.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1. Is-Sinj. Vella semmiet li fi Triq id-Dwieli, l-parti li tmiss ma' Triq Qalet Marku mhux qiegħda tinġabar il-borża l-griża. Din hija problema li ilha għaddejja mhux ħażin. Għall-kuntrarju ta' dan, fil-ġurnata tat-Tlieta, l-borża qiegħda tinġabar.

5.2. Il-Kunsill se jitkellem mal-kuntrattur.

5.3. Is-Sinj. Muscat qalet li madwar is-siġra tal-ficus fi Triq Xatt il-Palm hemm ħafna weraq. Il-Kunsill intalab sabiex jitkellem mal-ġardinara sabiex inaddfu.

5.4. Is-Sinj. Muscat semmiet ukoll li hemm bżonn isir xogħol ta' traqqigħ ta' ħofra fi Trejqet il-Kampanjol, quddiem ir-razzett tal-fniek.

5.5. Is-Sinj. Cuomo nfurmat li waħda mit-tabelli tan-No Entry, minn Triq is-Sikka għal Triq l-Iskall ġiet imneħħija/misruqa bl-arblu b'kollox.

5.6. Iċ-*Chairperson* semmiet li Ġnien Santa Marija tal-Anġli jinsab fi dlam. Dan ilu f'dan l-istat mit-28 ta' Novembru 2014. Barra minn hekk il-funtana, mhix qiegħda tbiddel il-kuluri, iżda qiegħed ikollha dawl abjad biss.

5.7. Is-Sinj Vella kienet skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien is-6.30pm.

5.8. Is-Sinj. Cuomo fakkret lill-Kunsill fit-tabelli tal-Ġnien, sabiex isirilhom boards bil-kliem stampat fuqhom. Preżentament ħafna mill-istickers li hemm mat-tabelli sfaw maqlugħa.

5.9. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li kien importanti li l-bankijiet tal-Ġnien jinżebgħu.

5.10. Is-Sinj. Cuomo qalet li minkejja li ntbagħtu l-gwardjani fi Triq ix-Xbiek, l-inkonvenjenza baqgħet issir. Fil-fatt sal-ġurnata tal-lum, it-triq tinsab kollha tajn.

5.11. Is-Sur Micallef kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien s-7.00pm.

## 6. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

6.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar Il-Ġimgħa 23 ta' Jannar, 2015 għal-5:30pm.

6.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |